



## Tixxennaq u Tinfena Ruħi għat-Tempju tal-Mulej (7)

# Il-Bini tal-Faċċata tal-Knisja Arċipretali ta' Stella Maris

*Jikteb Mario Formosa Holt*



*Il-Faċċata l-antiku tal-Knisja ta' Stella Maris*

Il-knisja ta' Stella Maris ġiet miftuħa għall-kult u mbierka solennement nhar il-11 ta' Awissu 1855. Madankollu, minn dakinhar sal-bidu tas-seklu għoxrin seħħ żvillup interessanti f'dik li hi struttura biex allura il-knisja ħadet l-għamla li nafuha ilum.

Oriġinarjament il-Knisja kienet twassal mill-bieb ta' barra sa' bejn wieħed u ieħor, safejn illum hemm il-pulptu. Lejn l-aħħar kwart tas-seklu dsatax, il-popolażżjoni Slimiża kienet diġa bdiet tiżdied sew fin-numru. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li l-knisja ta' Stella Maris titkabbar. Għal dan il-għan, permezz ta' ftehim milħuq mal-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu f'Diċembru 1873 dawn ta' l-aħħar taw b'xejn biċċa art imdaqqsa.

Iffirma dan il-ftehim il-Provinċjal ta' dak iż-żmien. Benefattur kbir tal-Knisja, il-Kav. Konslu Lorenzo Farrugia, ta donażżjoni ta' elf skud sabiex inxtrat biċċa art oħra tmiss ma' l-istess knisja. Beda jsir il-ġbir sabiex jintlaħaq l-għan aħħari, jiġifieri dak li titkabbar il-knisja. Barra minn hekk, il-Kapitlu tal-Katidral ta s-somma ta' mitejn u ħamsin lira sterlina filwaqt li diversi benefatturi kkontribwew bejniethom mitejn lira oħra. Sa Diċembru 1877



*Statwa ta' Marija Addolorata mal-Faċċata tal-Knisja*





*Statna ta' San Ġuzepp mal-faċċata tal-Knisja*

ix-xogħol kollu tat-tkabbir kien lest. Dan kien jikkonsisti f'żewġ kappelluni ferm spażjużi, kor u saġristija u fuq kollox, koppla maestuża li għadna ngawduha sal-lum. L-ispiża sabiex seta' jsir dan kollu laħqet is-somma ta' elf u seba' mitt lira sterlina, somma konsiderevoli għal dak iż-żmien. Wara li l-knisja ġiet imkabbra, tbierket mill-Vigarju Ġenerali ta' dak iz-zmien, Mons. Goffredo Scerri, fi Frar 1878. F'Diċembru ta' dik l-istess sena, Stella Maris saret L-EWLENIJA PARROĊĊA SLIMIZA.

Izda minkejja dan it-tibdil strutturali kollu l-Knisja kienet għadha bil-faċċata oriġinali ta' meta nbniet fl-1855. Din kienet tikkonsisti f'portiku eleganti li kien iserraħ fuq numru ta' kolonni. Fuq bażi tal-ġebel kien hemm żewġ statwi, waħda tad-Duluri u oħra ta' San Guzepp li nħadmu fl-1875 minn mastru Anton Busuttil tar-Rabat.

Il-ħtieġa ta' faċċata ġdida b'żewġ kampnari bdiet tinħass sewwa. Għal dan il-għan, bl-approvażżjoni ta' l-Awtoritajiet tal-Knisja Maltija, ġie ffurmat kumitat sabiex jiġbor il-flus meħtieġa ħalli dan il-proġett jitwettaq b'sodisfażżjon għall-ewwel Slimiżi. Bħala President Onorarju ntagħżel il-Markiż Alfredo Mattei LL.D., filwaqt li l-W.R. Kappillan Dun Vinċenz Manche', li tant stinka sabiex dan il-proġett jirnexxi, kien il-President ta' dan l-istess kumitat. Segretarju kien il-Kavallier Edwin L. Vella LL.D. u il-kaxxier kien is-Sur F. Pace Asciak. Il-kumplament tal-membri f'dan il-kumitat kienu r-Rev. Dun Anton Manche, hu l-istess Kappillan u r-Rev. Dun F.S. Mifsud flimkien ma' Dott. Gużeppi Agius LL.D. u s-Sinjuri Giuseppe Gallo, A. Lupi, Carmelo Mifsud, E. Vella, u Nicola Vassallo. Dan ta' l-aħħar kien responsabbli mid-disinn ta' dan il-proġett.

Dan il-kumitat kien twaqqaf fl-1906 u sa l-1908 ix-xogħol kien miexi sewwa. Kien isir ġbir regolari darba fix-xahar bieb, bieb mis-Sur Gianni Vella. Bniedem ieħor responsabbli mill-ġbir kien is-Sur Gużeppi Cardona. Naturalment, barra minn hekk, kienu jsiru attivitajiet bħal lotteriji u fieri sabiex jinġabru il-fondi meħtieġa. Ħidmet dan il-kumitat ma qatgħet xejn u sa' tmiem l-1907 kienu nġabru 'l fuq minn mija u tnejn u għoxrin lira sterlina. Sa nofs Awissu tas-sena ta' wara kienet inġabret is-somma meħtieġa ta' ftit aktar minn mitejn u ħdax il lira sterlina.

Naturalment fl-istess żmien kien għaddej ġmielu x-xogħol fuq dan il-proġett li kien fdat f'idejn l-aħwa mgħallmin Mifsud minn San Giljan, imlaqqmin "ta' Pisanu". Nikol Vassallo kien ħoloq disinn għall-faċċata tal-Knisja li kien komuni u popolari f'dawk



*Dettal tax-xogħol ta' Lavur fil-ġebla fuq il-Kampnari*

Naturalment l-akbar spiża kienet dik tal-kostrużżjoni li kienet tammonta għall mija u tnejn u sebgħin lira. Il-mastrudaxxa Carmelo Vella ħadem żewġ bibien f'injam ta' l-aħmar għall-kampnari u tagħhom tħallas sitt liri filwaqt li ta' l-erba' twieqi bil-ħġieġ li nsibu ma' l-istess faċċata hu tħallas tlitt liri. Għal konsinja ta' ġir Guzeppi Cardona tħallas ftit aktar minn disgħa liri filwaqt li xogħol ta' lavur fil-ġebla Maltija sewa' tnax-il xelin. Zewġ gradi tal-ħadid swew tlettax-il xelin. Dan flimkien ma' spejjeż żgħar iż-żminijiet. Dan kien jikkonsisti f'żewġ kampnari mifrudin minn xulxin b'arkata. Iż-żewġ statwi mnaqqxa fil-ġebla Maltija minn mastru Antonio Busuttil sabu posthom ukoll f'din il-faċċata ġdida.

Ix-xogħol kollu ntemm fl-1909, jiġifieri 110 snin ilu. Dan tikkonfermaħ lapida tal-irħam li tinsab fl-għoli taħt il-frontispiżju u li dwarha jidher aktar tagħrif f'parti oħra ta' dan il-Programm. Din il-lapida nħadmet mill-marmista Guze' Micali u li tħallas tagħha lira u ħmistax-il xelin.



*Statwa tal-Qalb ta' Ġesu mal-Faċċata tal-Knisja*





oħra li kif diġà għedna jammontaw ilkoll flimkien għal ftit aktar minn mitejn u ħdax-il lira sterlina.

Dan kollu joħroġ minn rapport li t-tezorier is-Sur F. Pace Asciak ippreżenta nhar il-31 ta' Lulju 1909 għas-sodisfażżjon ta' dawk kollha li kkontribwew b'risq dan il-proġett. B'dan il-mod mhux biss intemm proġett ieħor fit-tifsil strutturali tal-knisja ta' Stella Maris iżda wkoll l-ewlenin Slimiżi kellhom faċċata xierqa għall-Knisja Parrokkjali tagħhom b'żewġ kampnari li tmienja u għoxrin sena wara kellhom jilqgħu fi ħdanhom dak is-sett ta' ħames qniepen ferm melodjużi.

L-istatwa ta' l-irħam li tirrappreżenta lil Qalb ta' Ġesu' tpoġġiet fil-post aktar tard. Din kienet għotja tal-Kappillan ta' dak iż-żmien, il-W.R. Dun Gużepp Inguanez, u ttellgħet hemm meta ntemm ix-xogħol ta' rikostruzzjoni wara li l-Knisja ntlaqtet minn bombi ta' l-għadu waqt ħbit nhar l-1 ta' Marzu 1942.

Bħalma nħobbu dejjem insostnu, missierijietna, minkejja l-faqar ta' dak iż-żmien u problemi oħra relatati miegħu, dejjem għażlu li jagħmlu mill-aħjar sabiex isebbħu d-Dar t'Alla ddedikata lil Marija Kewkba tal-Baħar. Dan kollu għandu jixpruna lilna lkoll sabiex mħux biss napprezzaw is-sagrificcju li huma għamlu iżda wkoll li nindokraw bl-aħjar mod dak kollu li writna mingħandhom.

*Referenzi*

*Tas-Sliema il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – Maurice Busietta*
*U artiklu fuq l-istess suġġett minn John Bisazza fil-Flimkien t' Awissu 2018*

tescoma©